MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tal-11 ta' Lulju, 2012

Avviz Numru. 168/2011

**Kevin Micallef**

**vs**

**Atlas PCC Limited (C 5601)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ipprezentat fir-Registru ta' din il-Qorti mill-attur nhar is-sitta w ghoxrin (26) ta' Mejju, 2011, fejn talab lil din il-Qorti tikkundanna lis-socjeta' Atlas PCC Limited thallas is-somma ta' disat elef Ewro (€9,000) rapprezentanti il-valur tal-vettura bin-Numru ta' Registrazzjoni EYE 007 assikurata minnha permezz ta' cedola ta' polza comprehensive u dana billi l-imsemmija vettura giet dikjarata minnha bhala '*beyond economical repair'* u meta l-istess vettura kienet giet minnha stmata li kellha valur ta' disat elef Ewro (€9,000) meta il-vettura giet biex tigi assikurata ghas-sena li fiha l-istess garrbet il-hsarat fuq imsemmija.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittri interpellatorji tal-ghaxra (10) ta' Marzu, 2010, tas-sittax (16) ta' Frar, 2011, u bl-imghax legali mis-sittax (16) ta' Jannar, 2010, sad-data tal-pagament effettiv u bl-ingunzjoni tas-socjeta' konvenuta ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta tas-socjeta' konvenuta li permezz taghha eccepiet is-segwenti:

*1. "Illi, preliminarjament, is-socjeta' konvenuta mhix indikata tajba. L-isem korrett huwa Atlas Insurance PCC Limited b'numru ta' regsitrazzjoni C-5601. Ghalhekk l-attur ghandu jirregola ruhu.*

*2. Illi, preliminarjament, is-socjeta' konvenuta tirrileva li din l-azzjoni mhiex kompetenza ta' din il-qorti stante li jirrizulta li l-kundizzjonijiet tal-polza ta' assikurazzjoni de quo li "If any difference shall arise as to the amount to be paid under this policy (liability being otherwise admitted) such difference shall be referred to an Arbitrator to be appointed by the parties in accordance with the Statutory provisions as appropriate" (pagna 19 tal-polza ta' assikurazzjoni relattiva – Dokument A).*

*3. Illi, preliminarjament u* minghajr pregudizzju ghall-premess *u fil-mertu it-talbiet kollha tal-attur huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghalhekk ghandhom jigu michuda u dan kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza.*

*4. Illi, minghajr pregudizzju ghall-premess u fil-mertu, it-talbiet kollha tal-attur huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghalhekk ghandhom jigu michuda, u dan kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza.*

*5. Salv eccezzjonijiet ulterjuri premessi mill-ligi."*

**Steve Conti** xehed nhar il-hdax (11) ta' Jannar, 2012, u dan bhala impjegat mas-socjeta' assikuratrici tal-vettura EYE 007 tal-ghamla Peugeot 206 registrata f'isem Stefan Micallef *on behalf of Miracle Holdings Limited* u kkonferma li ilha hekk registrata f'ismu sa minn Gunju tal-elfejn u disgha (2009). Qal li l-polza ta' *insurance* li kellu dan Micallef kienet tkopri il-vettura sal-wiehed u tletin (31) ta' Mejju, 2010. Kellha koperta *comprehensive*, b'excess ta' mija u hmistax-il Ewro (€115). L-assikurat taghhom f'dan il-kaz kienet is-socjeta' Miracle Holdings. Esebixxa

kopja tas-schedule li giet mmarkata bhala Dokument CSH. Muri d-dokument esebit fl-atti a fol 9 sa fol-24 tal-atti qal li dan id-dokument huwa kopja tal-policy rigwardanti il-vettura in kwistjoni. Huwa esebixxa l-ischedule li tifforma parti minn din il-policy. Spjega li l-polza tinghata lil bniedem meta jigi jaghmel il-policy fil-bidu tal-*cover* taghha. Kopja tal-ischedule jinghata wkoll u dan is-soltu jkun attachjat mal-policy. Muri fol. 19 ta' l-atti u proprju fejn hemm indikat li l-parti ghandha titlob ghall-arbitragg, naturalment bejnhom u il-klijent. Anzi jenfasizza li jrid isir arbitragg b'mod obbligatorju. Ikkonferma li din hija il-polza li kienet vigenti ghall-kaz in kwistjoni.

Rat ir-rikors tas-socjeta' attrici pprezentat fl-atti nhar l-24 ta' Jannar 2012 fejn ippremettiet is-segwenti:-

*"Illi fis-26 ta' Mejju 2011, ir-rikorrenti Kevin Micallef ipprezenta il-kawza hawn fuq imsemmija kontra Atlas Insurance PCC limited.*

*Illi jirrizulta li sar zball fl-isem tar-rikorrenti u dan ghaliex ir-rikorrenti qieghed jidher f'din il-kawza mhux f'ismu izda ghan-nom u in rapprezentanza tal-kumpanija Miracle Holdings Limites (C 17863) u dan fil-kwalita' tieghu ta' direttur ta' l-istess kumpanija kif jidher mid-dokument hawn anness u mmarkat bhala Dokument KM1.*

*Illi ghalhekk jehtieg illi l-okkju tal-kawza tigi koretta sabiex dan isir "Kevin Micallef ghan-nom u in rapprezentanza tal-kumpanija Miracle Holdings Limited (C 17863) vs Atlas Insurance PCC Limited*"

U ghalhekk talbet lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tawtorizza il-korrezzjoni tal-okkju tal-kawza hawn fuq imsemmija ai termini tal-Artikolu 175 (1) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta u dan taht dawk il-provvedimenti xierqa u opportuni.

Rat id-digriet taghha tal-15 ta' Jannar 2012 fejn ordnat notifika ta' dan ir-rikors lis-socjeta' konvenuta (fol. 41).

Rat ir-risposta tas-socjeta' konvenuta kif prezentata fl-atti nhar is-7 ta' Marzu 2012 u l-oggezzjoni taghha ghal tali korrezzjoni.

Rat id-digriet taghha tas-7 ta' Marzu 2012 fejn cahdet it-talba ta' l-attur.

Rat il-verbal tal-Qorti tas-27 ta' Settembru 2011 fejn din il-kawza kienet giet differita ghal provi dwar l-ewwel zewg eccezzjonijiet.

Rat illi bid-digriet taghha tas-7 ta' Marzu 2012 l-ewwel eccezzjoni giet indirizzata u ghalhekk din is-sentenza sejra titratta dwar it-tieni eccezzjoni fejn is-socjeta' konvenuta iddikjarat li din il-Qorti m'ghandhiex kompetenza stante illi jirrizulta mill-kundizzjonijiet tal-polza ta' assikurazzjoni *de quo* li " *if any difference shall arise as to the amount to be paid under this policy (liability being otherwise admitted) such difference shall be referred to an Arbitrator to be appointed by the parties in accordance with the Statutory Provisions as appropriate*" (pagna 19 tal-polza a' assikurazzjoni relattiva Dok A, a fol. 19).

Rat illi l-Qorti kienet tat zmien sabiex l-attur jipprezenta nota sabiex jindirizza din l-eccezzjoni pero' tali nota qatt ma giet ipprezentata nonstante li l-attur kien debitament rapprezentat minn diversi avukati.

**Ikkunsidrat - Klawsola arbitrali**

Ghalhekk il-Qorti ghaddiet sabiex tikkonsidra l-ftehim u senjatament il-klawzola numru 2(p) tal-Polza li kienet tkopri l-assikurazzjoni tal-vettura mertu tal-kawza, liema polza tinsab esebita fl-atti a fol. 9 et seq immarkata bhala Dok A. Din il-klawsola li tinsab taht l-intestatura imsejha 'Arbitration' tghid hekk: '*That if any difference shall arise as to the amount to be paid under this policy (liability being otherwise admitted) such difference shall be referred to an Arbitrator to be appointed by the parties in accordance with the Statutory Provisions as appropriate. Where any difference is by this condition to be referred to*

*arbitration the making of an award shall be a condition to any right of action against the Company*."

Minn din il-klawzola cara ma jirrizulta ebda dubju dwar l-intenzjoni tal-partijiet u l-Qorti tista' facilment tikkonkludi li f'kaz ta' nuqqas ta' qbil dwar l-ammont li ghandu jithallas taht din il-polza ghandu jkun hemm arbitru appuntat mill-partijiet sabiex jistabilixxi il-*quantum* dovut. F'dan ir-rigward il-Qorti ghamlet referenza kemm ghall-principju generali stabbilit li *pacta sunt servanda* kif ukoll ghall-**Artikolu 992 tal-Kapitolu 16** fejn huwa provdut li l-kuntratti ghandhom sahha ta' ligi fil-konfront tal-partijiet.

Il-Qorti kkunsidrat ukoll il-gurisprudenza rilevanti fejn gie stabbilit: '*Il-principju kardinali li jirregola l-istatut tal-kuntratti jibqa' dejjem dak li l-vinkolu kontrattwali ghandu jigi rispettat u li hi l-volonta tal-kontraenti kif espressa … li kellha tipprevali u trid tigi osservata. Pacta sunt servanda.'* ***Spiteri v Camilleri et****, 30.05.2002, PA u li 'gialadarba kuntratt ghandu forza ta' ligi bejn il-partijiet li jaghmluh, l-interpretazzjoni tieghu tinnecessita li wiehed jestraja minnu, skond ir-regoli maghrufa, l-volonta komuni reali konsegwita mill-kontraventi*' [**Cuschieri noe v Vincenti**, 13.02.1950, Appell].

F'materja ta' ftehim hu ben stabbilit illi l-partijiet huma marbutin b'dak li ftehmu liema ftehim irid jirrizulta b'mod car. Il-kwistjoni f'din l-istanza hi fl-ewwel lok jekk il-partijiet intrabtux bi ftehim li jekk ikun hemm disputa bejniethom dan kellu jigi rizolt bi procedura partikolari, barra mill-Qrati Ordinarji. Is-socjeta' konvenuta issostni li fil-polza li inharget mis-socjeta' konvenuta a favur ta' Kevin Micallef ghan-nom ta' Miracle Holdings tezisti forma arbitrali specifika ghal rizoluzzjoni ta' nuqqas ta' qbil bejn il-partijiet dwar il-quantum li ghandu jithallas taht din il-polza, u fil-fatt isemmu specifikament l-Artikolu 2(p) tal-polza esebit fl-atti.

Kif deciz minn din il-Qorti fil-kawza '**Bayrak Operations International Limited vs World Express Logistics Limited'** (PA 12.05.2011) intqal illi:

‘*Il-principju tal-eskluzjoni tal-gurisdizjoni tal-Qrati Ordinarji hu ben accettat u rispettat in kwantu dan hu espressjoni tal-volonta tal-kontraventi li ghal kull fini w effett tal-ligi jammonta ghal ligi bejn l-istess partijiet*.’

F’dik is-sentenza inoltre saret referenza ghal Kapitolu 387 dwar l-arbitraggi li fl-artikolu 2(a) hu stipulat li l-arbitragg hu ftehim kif definit fl-Artikolu 7 tal-**Model Law (Uncitral Rules)** u jghid hekk:

"(*1) "Ftehim ta' arbitragg huwa ftehim bejn il-partijiet li jissottomettu ghal arbitragg kull tilwima jew xi tilwim li jkunu tnisslu jew li jistghu jitnisslu bejniethom ghar-rigward ta' relazzjoni legali definita, sew jekk kontrattwali, sew jekk le. Ftehim ta' arbitragg jista' jkun fl-ghamla ta' klawsola ta' arbitragg jew fl-ghamla ta' ftehim separat.*

*(2) Il-ftehim ta' arbitragg ghandu jsir bil-miktub. Ftehim ikun bil-miktub jekk dan ikun jinsab f'dokument iffirmat mill-partijiet jew fi skambju ta' ittri, telex, telegrammi jew mezzi ohra ta' telekomunikazzjoni li jipprovdu prova tal-ftehim, jew fi skambju ta' dikjarazzjonijiet ta' talba u ta' eccezzjonijiet li fihom jigi allegat minn xi parti li jkun hemm xi ftehim u dan ma jigix michud mill-parti l-ohra.* ***Ir-riferenza f’kuntratt ghal dokument li jkun fih klawsola ta' arbitragg jikkostitwixxi ftehim ta' arbitragg kemm-il darba l-kuntratt ikun bil-miktub u r-riferenza tkun tali li taghmel lil dik il-klawsola parti*** *mill-kuntratt."* (enfazi mizjuda)

Inoltre kif qalet l-istess sentenza fuq citata, qari ta’ dan l-artikolu jpoggi l-vertenza fil-perspettiva gusta tieghu. Il-ligi trid li klawsola arbitrali tkun jew parti minn kuntratt miktub jew f’dokument separat li referenza specifika ghalih issir f’kuntratt miktub b’mod li tali klawsola tkun parti mill-kuntratt. Il-ligi taghmilha *sine qua non* kondizzjoni inderogabbli li klawsola arbitrali tkun bil-miktub u b’referenza cara bejn il-partijiet li dik il-klawsola, avolja kontenuta f’dokument separat, tifforma parti integrali mill-kuntratt.

Kif qalet il-Qorti tal-Appell fil-kawza '**Mark Laferla noe vs Saviour Attard'** (App. Kum. 30/1/1995):

"*Il-ligi trid tassikura li l-oggett tal-kontroversja u l-adezjoni tal-parti li l-kontroversja tigi rizotta b'arbitragg tirrizulta minn kitba privata jew att pubbliku sabiex tigi evitata kwalunkwe incertezza. Jekk ma hemmx il-kitba u l-kunsens u l-accettazzjoni tal-parti, ma jistax jinghad li hemm kunsens validu skond il-ligi*".

Inoltre kif qalet il-Qorti fil-kawza '**Victor Zammit et vs Joseph Stivala'** (PA 20/7/1994) "*Ir-raguni fuq il-forma hi komprensibbli ghax il-kompromess jimplika rinunzja ghad-dritt ta' azzjoni gudizzjarja … ta' almenu wiehed mill-partijiet*".

Ghalkemm dawn is-sentenzi nghataw fi zmien meta l-Kodici ta' Procedura kien jirregola l-arbitragg u l-ligi dwar l-arbitragg ma kinitx ghadha mahsuba, pero' l-insenjament moghtija f'dawn is-sentenzi huma applikabbli bil-ligi kif inhi llum.

F'dan il-kaz il-Qorti ma hassitx il-bzonn li taghmel indagini ulterjuri gialadarba l-volonta' tal-partijiet kienet tirrizulta cara mill-iskrittura u ma kienx hemm kwistjoni dwar l-intenzjoni taghhom u ghalhekk ghaddiet sabiex tqis il-gurisprudenza dwar klawzoli li jeskludu l-gurisdizzjoni tal-Qrati ordinarji.

Minn ezami tar-rikors promotur jirrizulta li t-talba attrici tikkoncerna l-valur tal-vettura bin-Numru ta' Registrazzjoni EYE 007 li giet dikjarata *beyond economical repair* liema somma s-socjeta' konvenuta qed tirrifjuta li thallas u ghalhekk ma hemmx dubju li ghandha tapplika l-klawsola **numru 2(p)** tal-kuntratt/polza ta' sigurta' tal-vettura.

**Il-Qorti ghalhekk tiddikjara li ma ghandhiex gurisdizzjoni sabiex tisma' l-kaz odjern u b'hekk qeghda tilqa' t-tieni eccezzjoni tas-socjeta' konvenuta u tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta'dan il-kaz.**

**L-ispejjez ghandhom jigu sopportati mill-istess attur.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------